MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MIZZI

Seduta tas-16 ta' April, 2007

Numru 313/2007

Il-Pulizija
(Sp Mario Tonna u Sp Nezren Grixti)
vs
Glenn Gatt, iben Mario, imwieled Pieta' fit-28 ta' ġunju, 1985
u
Mark sive Marco Barbara, iben Paul, imwieled Pieta' fit-22 ta' ottubru, 1960

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputati –
1. talli fl-istadium nazzjonali, Ta' Qali fl-14 ta' april, 2007, fil-ħinijiet ta' bejn il-5.00 p.m. u is-7.30 p.m., waqt il-logħba tal-football bejn Birkirkara u Valletta, xewwxu ġemgħa ta' nies, illi hekk imxewwxa inġabru f'numru ta' għaxra jew aktar, sabiex jagħmlu reat liema reat fil-fatt sar;

2. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanżi ħadu parti attiva f'ġemgħa ta' għaxra min-nies jew aktar, miġburin bil-ħsieb li jagħmlu reat, ukoll jekk dik il-ġemgħa ta' nies ma kienet ġiet imxewxa minn ħadd partikolari;
3. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanżi pubblikament xewxu lill-persuni oħra sabiex jiksru l-liġi;
4. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanżi publikament xewxu persuni oħra sabiex jagħmlu reat;
5. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanżi attakkaw u/jew għamlu reżistenza bi vjolenza jew b'ħebb ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra persuni nkarigati skond il-liġi minn servizz pubbliku u cioe' l-Ispettur Nezren Grixti, l-Ispettur Mario Tonna, is-Surgent 914 Ivan Mifsud u diversi membri oħra tal-korp tal-pulizija, fil-waqt li kienu qed jaġixxu għall-esekuzzjoni tal-liġi jew ta' ordni mogħti skond il-liġi mill-awtorita' kompetenti;
6. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanżi nġurjaw jew heddu jew għamlu offiżi fuq il-persuni ta' membri tal-korp tal-pulizija u cioe' l-Ispettur Nezren Grixti, l-Ispettur Mario Tonna, is-Surgent 914 Ivan Mifsud u diversi membri oħra tal-kkorp tal-pulizija nkarigati skond il-liġi minn servizz pubbliku waqt li kienu jagħmlu jew minħabba li kienu jagħmlu dan is-servizz, jew bil-ħsieb li jbeżżagħhom jew jinfluwixxu fuqhom kontra l-liġi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz;
7. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanżi heddew bi kliem lill-diversi uffiċjali tal-pulizija;
8. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanżi ma obdewx l-ordnijiet leġittimi ta' l-awtorita' jew ta' wieħed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku, u cioe' diversi membri tal-korp tal-pulizija jew ma ħallewhomx jew fixkluhom waqt li kienu jagħmlu d-dmirijiet tagħhom, jew b'xi mod ieħor, bla jedd, indaħlu fi dmirhom, billi ma ħallewx lil ħaddieħor u cioe' l-istess membri tal-korp tal-pulizija, jagħmlu dak li bil-liġi kienu ordnati jew setgħu jagħmlu, jew billi ġabu fix-xej jew ħassru dak li ħaddieħor ikun għamel skond il-liġi, jew b'xi mod ieħor li jkun;
9. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanżi kisru volontarjament il-bon ordni jew il-kwiet pubbliku;
10. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanżi ħebbew kontra persuni sabiex jinħurjawhom, idejquhom jew

jagħmlu ħsara lil dawn il-persuni jew lil ħaddieħor u cioe' diversi membri tal-korp tal-pulizija;
11. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanżi qalu fil-pubbliku kkliem oxen jew indeċenti li jikkonsisti f'dagħa jew għamlu atti jew ġesti oxxeni jew b'mod ieħor offendew il-morali jew l-imġieba xierqa jew id-deċenza pubblika;
12. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanżi użaw kkliem offensive lejn diversi membri tal-korp tal-pulizija msemmija aktar 'il fuq, jew ġabu rwieħhom abużivament;
lil Glenn Gatt, waħdu –
13. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanżi mingħajr liċenzja tal-pulizija ta n-nar jew spara maskli, bombi, sufarelli jew xogħlijiet tan-nar ta' kull xorta li jkun, inkella tella' blalen bin-nar jew, in ġenerali, għamel esplozjoni jew nar li jista' jkun ta' perikolu;
14. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanżi hedded persuna oħra b'ġebel jew xi oġġett ieħor jew tefa' xi ġebla jew oġġett ieħor u cioe' xogħol tan-nar fuq il-post fejn ikun qed isir il-logħob jew fuq xi parti oħra tal-ground ta' l-isports, jew li, fil-waqt li kien dieħel fil-ground ta' l-isports, fil-waqt li kien qiegħed hemmhekk jew kien ħiereġ minn hemm kellu fuqu xi arma jew xort' oħra ġab ruħu b'mod li jista' jinkiser il-bon ordni.
Il-Qorti ġiet mitluba li f'każ ta' ħtija, Minbarra li tinfliġġi l-piena skond il-liġi japplika l-artikolu 9 tal-leġislazzjoni sussidjarja 10.33 tal-Kapitolu 10 tal-Liġijiet ta' Malta billi tordna lill-imsemmija mputati ma jattendux fi 'grounds ta' sports' għal dak il-perjodu ta' żmien li jidrilha xieraq.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tas-16 ta' april, 2007 fejn l-imputati ammettew l-akkużi kollha miġjjuba kontra tagħhom.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputati dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat Glenn Gatt ħati tal-akkużi kollha miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 68(1)(2)(3), 69, 70, 92, 95, 96, 338(bb)(dd)(ee) u 339(1)(d)(e) tal-Kodiċi

Kriminali, l-artikoli 24, 29 u 33 tal-Kapitolu 33 tal-Liġijiet ta' Malta u l-artikoli 7 u 9 tal-leġislazzjoni sussidjara 10.33 tal-Kapitolu 10 tal-Liġijiet ta' Malta u tikkundannahx għal piena ta' sitt xhur priġunerija. Rat l-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali u tordna li tali piena ma seħħ ħlief jekk l-imputat jikkometti reat ieħor fi żmien sena mill-lum. Tikkundannah għal ħlas ta' multa ta' ħamsin lira maltin (Lm50) u tinibih milli jidħol fi kwalunkwe ground tal-football sal-31 ta' diċembru, 2007. Issib lill-imputat Mark sive Marco Barbara tal-akkużi kollha miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 68(1)(2)(3), 69, 70, 92, 95, 96, 338(bb)(dd)(ee) u 339(1)(d)(e) tal-Kodiċi Kriminali, l-artikoli 24, 29 u 33 tal-Kapitolu 33 tal-Liġijiet ta' Malta u l-artikolu 7 tal-leġislazzjoni sussidjara 10.33 tal-Kapitolu 10 tal-Liġijiet ta' Malta u tikkundannahx għal piena ta' sitt xhur priġunerija. Rat l-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali u tordna li tali piena ma seħħ ħlief jekk l-imputat jikkometti reat ieħor fi żmien sena mill-lum. Tinibih milli jidħol fi kwalunkwe ground tal-football sal-31 ta' diċembru, 2007.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------